**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 25/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs.**

**Antonella Borg**

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Antonella Borg ta' 32 sena, bint Carmelo Borg u Anna nee' Bigeni, imwielda gewwa l-Pieta' nhar l- 10 t'Ottubru 1988 u residenti gewwa 5, Anfield, Tirq Pietru Felici, Siggiewi u detentrici ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0477188M

U akkuzatha talli nhar l- 10 ta' Dicembru 2020 fit- 3:30PM gewwa s-Siggiewi:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Julian Micallef f'periklu car, volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq is-sieheb taghha, l-istess Julian Micallef, li jigi wkoll missier it-tfal taghha Sharonia Micallef u Ella Micallef hekk kif iċċertifikatu Dr. Lara Miruzzi mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. Ħebbet għas-sieheb taghha Julian Micallef sabiex tinġurjahah, iddejqu jew tagħmillu ħsara b'xi mod;

3. Insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew b'mod iehor lis-sieheb taghha Julian Micallef;

4. Ghamlet ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kienet ipporovokata, ingurjat b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Antonella Borg a beneficju ta' Julian Micallef u l-familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Julian Micallef u l-familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Antonella Borg b'obbligazzjoni taghha innifisha taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill- Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija Antonella Borg sabiex thallass l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputata tenniet li mhijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriha.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-22 ta' Marzu 2022 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(b), 218(1)(b)(2) u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(d) tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(h) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' Gunju 2022 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputata jekk ghandhiex oggezzjoni li l-kaz tieghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata zmien xieraq biex twiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegbet li ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

[1] Folio 29 ta' l-atti processwali
[2] Folio 133 ta' l-atti processwali
[3] Folio 136 ta' l-atti processwali

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet definittivament il-provi taghha nhar it-2 ta' Gunju 2022.[4]

Rat illi d-difiza ddikjarat li mhux ser tressaq provi nhar it-2 ta' Gunju 2022.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2022;[6]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar l-10 ta' Dicembru 2020 ghall-habta tat-15:30hrs fejn allegatament sehh argument bejn l-imputata Antonella Borg u l-*parte civile* Julian Micallef. Rizultat ta' dan l-argument, il-*parte civile* Julian Micallef allegatament sofra griehi ta' natura gravi.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

---

[4] Folio 136 ta' l-atti processwali
[5] Folio 136 ta' l-atti processwali
[6] Folio 139-145 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Il-*parte civile* **Julian Micallef**[7], xehed fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2021. Spjega li r-rapport li huwa ghamel jittratta dwar incident li sehh mal-imputata, li tigi l-eks siehba tieghu, nhar il-Hamis, 10 ta' Dicembru 2020 ghall-habta tat-15:15hrs. Spjega li aktar kmieni dakinhar, kellhom argument dwar ir-*roll* tal-*cash register* tal-hanut li ghandhom f'Santa Venera. L-imputata imbaghad ghalqet il-hanut u telqet minn fuq il-post, filwaqt li rrifjutat li tghaddi c-cwievet tal-hanut lill-*parte civile*. Il-*parte civile* gieli kien tkellem ma ohtu u skontha, f'dak iz-zmien l-imputata ma kienitx qed tkun fidila lejn il-*parte civile* u kienet qed tiffrekwenta ragel Sirjan. Imbaghad mar lejn id-dar taghhom fis-Siggiewi, fejn waqt li kien jghaddbi xi *hampers* fil-vann, waslet l-imputata flimkien mat-tifla, li kienet gabret mill-iskola. L-argument kompla fil-karozza tal-imputata hekk kif il-parte civile rega' talab ic-cavetta tal-karozza lill-imputata, bil-konsengwenza li l-imputata bdiet taghtih daqqiet b'idha u gidmitu f'wiccu.

*"….bdiet tghati, u tghajjat, telghet fuqi, gidmitni go wicci, u nsomma."*[8]

Sofra ukoll griehi f'ghonqu. Il-*parte civile* rrikorra fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta minhabba dawn il-griehi, fejn gie rilaxxjat certifikat. Gie mitkellem ukoll minn ufficjali tal-Agenzija Appogg li ppreparaw *risk assessment*. In kontro-ezami stqarr li jekk l-imputata kienet habtet rasha waqt l-incident *de quo*, dan kien waqt li kienet diehla fil-karozza bis-salt. Ghalkemm ikkonferma li huwa kien ghadda proceduri dwar dan l-istess incident fejn huwa kien ammetta u inghata ordni ta' *probation*, innega li kien hu li hebb ghall-imputata jew li kien habbtilha rasha mal-bieba tal-karozza. Qabel li waqt l-incident kien hemm

[7] Fol. 30-59 tal-atti processwali;
[8] Folio 32 ta' l-atti processwali

prezenti certu Chris Farrugia, habib taz-zewg partijiet, li beda jipprova jikkalma l-affarijiet filwaqt li cahad li kien waddab flixkun tal-inbid mal-art gewwa d-dar.

Ix-xhud ipprezenta usb[9] fejn fiha jghid li jidher b'mod car filmat ta' dan l-incident ghaliex kien qed jidbed x'kien qed jigri mil-mobajl tieghu. Illi skont l-istess okkorenza tal-pulizija, meta l-pulizija raw filmat muri lilhom minnghand il-parte civile kien jidher u jinstema dan l-incident.

Il-Qorti ezaminat kull filmat u stampa li jidher go dan il-USB. Mandankollu imkien go dan l-istess USB ma jirrizulta filmat bid-data ta' l-incident. Filwaqt li l-Qorti sabet xi ritratti tad-dehra tal-parte civile, id-data fuq dawn ir-ritratti – hija ferm sew wara l-incident. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li fil-fatt ma gie esebit ebda filmat li juri kif kienet id-dinamika ta' dan l-incident.

Flimkien ma dan il-USB, ix-xhud esebixxa wkoll certifikat mediku dwar il-griehi li soffra kif ukoll Victim Assessment Report u rapport ta' l-Appogg.[10] Illi skond ir-rapport li sarlu irrizulta li r-*risk to victim* kien ghaxra u kwalifikat bhala *Medium*.[11]

**It-Tabib Dr Lara Miruzzi[12]**, gia` adetta fic-Centru tas-ahha tal-Mosta, xehdet fl-istess seduta. Hija kkonfermat ic-certifikat mediku maghmul minnha fl-10 ta' Dicembru 2020[13]. Hija kienet iccertifikat il-griehi sofferti bhala gravi minhabba li kien jidher li l-*parte civile* kien sofra griehi konsistenti ma gidma fil-wicc. Meta kienet mistoqsija jekk taf xi graw dawn il-griehi, ix-xhud stqarret li l-vittma qalilha li *"kien hemm litigazzjoni bejnu u bejn il-girlfriend tieghu."*[14]

[9] Dok JM1, Folio 62 ta' l-atti processwali
[10] Dok JM3 u JM4, Folio 65-79 ta' l-atti processwai
[11] Folio 74 ta' l-atti processwali
[12] Fol. 60-61 ta' l-atti processwali
[13] Dok JM2, Fol. 63 ta' l-atti processwali
[14] Folio 61 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2021 xehdu **Ryan Grima**[15] u **Jean Taliana**[16] , *risk assessors* adetti mal-Agenzija Appogg, li kkonfermaw li kienu hadmu fuq *risk assessment report*[17] dwar l-incidenzi ta' vjolenza domestika bejn l-imputata u l-*parte civile*. Minn dan l-ezercizzju, irrizulta li kien hemm riskju ta' livell medju.

Fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2021 xehdet **PS 2007 Theresa Farrugia**[18], stazzjonata fit-Taqsima kontra l-Vjolenza Domestika, li kkonfermat li kienet involuta fl-investigazzjoni tal-kaz odjern. Hija kienet tkellmek mal-*parte civile* Julian Micallef u wara li rrinunzja ghad-dritt li jitkellem ma avukat, in succint, irrapporta li kien gie aggredit mill-imputata, li kienet is-siehba tieghu. Stqarr li waqt l-argument li kien hemm bejniethom, hija kienet telghet bil-qieghda fuqu fil-karozza u bdiet taghtih b'idejha u tigirfu u gidmitlu wiccu. Micallef kien ipprovda ukoll xi filmati li jindikaw li f'hin minnhom, l-imputata bdiet titlob ghall-assistenza tal-Pulizija u anke` li bdiet taghti lill-Micallef bis-sieq. Spjegat li f'dak il-lejl, Micallef kien gie assistit sabiex jiehu xi effetti personali tieghu mid-dar sabiex imur joqghod fid-dar ta' ommu. In kontro-ezami, spjegat li l-*parte civile* kien sahaq li l-kawza tal-argument kien il-fatt li l-imputata ma rieditx taghtih ic-cwievet tal-hanut tal-*grocer* li huma ghandhom. Kien spjega ukoll minn rajh li l-imputata kienet habtet rasha mal-bieba tal-karozza wahedha. Ikkonfermat li r-rapport tal-*parte civile* kien segwa rapport maghmul mill-imputata fil-konfront tieghu.

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2022 xehed **Christopher Farrugia**[19]. Spjega li huwa jaf lill-partijiet u nzerta kien hdejn id-dar taghhom meta sehh l-argument mertu tal-proceduri. Meta nduna x'kien qed jigri, hass li kellu jibqa' hemm biex jiehu

[15] Fol. 91-92 ta' l-atti processwali
[16] Fol. 93-94 ta' l-atti processwali
[17] Fol. 65-79 ta' l-atti processwali
[18] Fol. 98-106 ta' l-atti processwali
[19] Fol. 115-117 ta' l-atti processwali

hsieb lit-tifla taghhom Sharona li kienet qieghda hemm izda baqa distanti *"biex ma nidholx fiha"*.

Fl-istess seduta xehed **PC 575 Mark Tonna**[20], stazzjonat fit-Taqsima ta' kontra l-Vjolenza Domestika, li spjega li nhar l-10 ta' Dicembru 2020 huwa kien assista lil PS 2007 Theresa Farrugia fit-tehid tar-rapport dwar l-incident in kwistjoni. Jaf li kien sar rapport precedenti minn naha tal-imputata Antonella Borg fil-konfront tal-*parte civile* Julian Micallef. Spjega li kien akkumpanja lil PS 2007 fir-residenza tal-partijiet fis-Siggiewi fejn l-imputata kienet indikat xi hgieg imkisser mal-art.

Fl-istess seduta xehdet **PS 2329 Tiziana Azzopardi**[21], stazzjonata fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug, li spjegat li nhar l-10 ta' Dicembru 2020 kienet giet mitluba mit-Taqsima ta' kontra l-Vjolenza Domestika sabiex tirrikorri gewwa residenza fis-Siggiewi u tara jekk issibx lil certu Julian Micallef. Micallef ma kienx instab id-dar izda aktar tard dakinhar stess, huwa rrikorra minn rajh gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug, fejn imbaghad gie skortat lejn il-Kwartieri Generali sabiex ikellmuh l-ufficjali mit-Taqsima ta' kontra l-Vjolenza Domestika.

Fis-seduta tas-17 ta Marzu 2022 xehdet **l-Ispettur Audrey Micallef**[22], stazzjonata fit-Taqsima ta' kontra l-Vjolenza Domestika, li spjegat li fl-10 ta' Dicembru 2020 kienet irceviet rapport minn Antonella Borg li kienet giet allegatament aggredita mis-sieheb taghha Julian Micallef u a bazi ta' dan, ordnat l-arrest ta' Micallef. Fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu, Micallef ipprezenta certifikat li kien sofra minn griehi gravi. Ghalhekk, l-ghada, fil-11 ta' Dicembru 2020, ix-xhud baghtet ghal Antonella Borg fejn wara li ghazlet li ma tikkonsultax ma avukat, tat stqarrija fil-prezenta ukoll ta' PS 2261. L-imputata kienet spjegat li Julian Micallef kellu xi ftit demm taht ghajnejh izda insistiet li

[20] Fol. 118-120 ta' l-atti processwali
[21] Fol. 121-123 ta' l-atti processwali
[22] Fol. 130-132 ta' l-atti processwali

hija kienet qed tiddefendi ruhha wara li Micallef kien habbtilha rasha mal-bieba tal-karozza.

L-ufficjal prosekutur kienet ukoll ipprezentat rapport tal-pulizija bir-referenza NPS GHQ/GBDV/353/2020 li sar dak in-nhar ta' l-allegat incident. Illi skond dan ir-rapport dan l-argument kien sehh nhar il-10 ta' Dicembru 2020 ghal habta tal-hamsa u kwart ta' filghaxija fejn irirzulta li l-parte civile u l-imputat kellhom argument fejn il-parte civile refa idejh fuq l-imputata u habbtilha rasha mal-pilastru tal-karozza u pprezentat certifikat mediku lill-pulizija dwar dan.

Fl-istess rapport hemm ukoll imnizzel il-verzjoni tal-parte civile li jghid:

*"Julian spejga li huwa kien tela bilqeda fuq in-naha tax-xufier sabiex jerga jitlobha ic-cavetta, fejn Antonella baqghet barra mill-vettura u sadanittant bdiet tigbdu mill-flokk. Antonella telghet bilqeda fuqu u bdiet ittih b'idejha fejn bdiet tigref u fidejha kellha xi cweivet. Julian spjega li anka kienet gidmitu fuq wiccu fuq in-naha tax-xellug fejn indika hu."*[23]

Fl-istess rapport hemm ukoll indikat li l-parte civile wera lill-pulizija filmat dwar l-incident bhala turija ta' dak li kien qed jghid. Fl-istess okkorenza hemm ukoll indikat li l-ufficjali tal-pulizija raw dawn il-filmat u jinghad:

*"Filmat iehor jidher li Antonella kienet qeghda fuq in-naha tal-passigier u hu fuq in-naha tax-xuffier fejn jidher li Antonella bdiet anke taghti bis-sieq."*[24]

Madankollu dawn il-filmat ma gewx esebiti kemm mill-pulizija kif ukoll mill-parte civile f'ebda hin. Illi lanqas ma jirrizulta li hemm xi spjegazzjoni ghalfejn wara li l-parte civile wera dan il-filmat lill-pulizija hadd minnhom ma

[23] Folio 18 ta' l-atti processwali
[24] Folio 19 ta' l-atti processwali

pprezenta dan il-filmat sabiex jifforma parti mill-atti processwali bhala evidenza.

Illi jekk kien hemm filmat, dan kien prova importanti jekk mhux addirittura krucjali sabiex inehhi kull dubju li seta inholoq bejn il-verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet. Illi li kieku din il-Qorti kellha din il-prova ghad-dispozizzjoni taghha, kien ikollha l-fakolta li tevalwa u tezamina dak li l-partijiet jispjegaw fid-dawl ta' dak li jidher il-filmat.

Fin-nuqqas li dan il-filmat gie esebit, din il-Qorti giet michuda minn opportunita kbira sabiex ikollu punto di vista newtrali u xjentifika li seta jaghmel differenza ghall-Qorti.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[25] ta' l-imputata ittiehdet nhar il-11 ta' Dicembru 2020 u cioe` l-ghada tal-allegat incident, fl-ufficcju tat-Taqsima ta' kontra l-Vjolenza Domestika fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana. Din ittiehdet mill-Ispettur Audrey Micallef fil-prezenza ta' WPS 261 D. Frendo Magro u dan wara li l-imputata inghatat is-solita twissija u inghatawla d-drittijiet kollha taghha, inkluz il-jedd li tikonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha qabel issirxi interrogazzjoni, fejn fil-fatt, ghazel li tirrinunzja ghal dan id-dritt.

Illi fl-istqarrija l-imputata twiegeb ghall-mistoqsijiet maghmula lilha u filwaqt li stqarret li kien hemm storja twila ta' aggressjoni minn naha tal-parte civile fil-konfront taghha, fir-rigward tal-incident *de quo* sahqet li hija kienet agixxiet *in difesa propria* u dan wara li l-parte civile kien habbtilha rasha mal-bieba tal-karozza.

[25] Folios 9-12 ta' l-atti processwali

Fl-istqarrija, l-imputata tirrakonta li l-parte civile kien ilu madwar tmien (8) snin isawwatha serjament. Dak in-nhar ta' l-incident kien inqala argument bejniethom li eskala u spiccaw ghand il-pulizija. Wara dan l-incident, l-imputat marret tigbor lit-tifla taghhom minn l-iskola u rega inqala dizgwid bejniethom. L-argument baqa ghaddej u l-imputata tghid:

*"Imbaghad xhin kont tiela' fil-karozza tieghi habbatli rasi mal-pilastru tal-karozza, imbuttani gol-bieba stess, warrabni u intefa' fuq is-seat tan-naha tax-xufier u bdejt nghidlu biex johrog."*

Skond l-imputata baqa jirrezisti li johrog mill-karozza u dan minkejja li l-habib tieghu Chris Farrugia li kien prezenti beda jghidlu biex jinzel.

L-imputata tkompli tghid:

*"Jien imbaghad lil Julian bdejt nigbdu mill-flokk biex jinzel mill-karozza tieghi u ma riedx jinzel u cempilt l-ghassa. U peress li jien bdejt nigbdu, hu beda jigbidni lura u jien waqajt fuqu u gejna fl-idejn."*[26]

L-imputata dejjem baqghet isostni li jekk il-parte civile kellu xi griehi dawn gew ikkagunati minhabba li hi pprovat tiddefendi lilha nnifisha.

*"Naqra demm kellu taht ghajnejh, imma jien iddefendejt lili nniffsi xhin habbatli rasi.*

*X'hin habbatli rasi mal-bieba tal-karozza imbaghad xehitni mal-bieba, imbuttani u tela' fuq is-seat tan-naha tax-xuffier u bdejt nghidlu biex johrog u bdejt nigbdu mill-flokk biex johrog u beda jaghtini fuq idejja (Ghandi haw kollu tbengil) u hemm hekk kien li gejna fl-idejn. Jien bdejt nigbdu mill-flokk u forsi dak il-hin ilqattu. Hu ruxxan u mill-ewwel jihmar u jien kull m'ghamilt iddefendejt lili nniffsi."*

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

---

[26] Folio 11 ta' l-atti processwali

Illi l-Avukat Generali fir-rinvija ghall-guddizju jindika l-artikolu 214, 215, 216(1)(b), 218(1)(b)(2) u 222(1)(a) bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati ghar-rigward ir-reat fuq il-persuna.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 216(1)(b)(2) tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin*[27] *–*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin. –*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[28]

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[29] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[30] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

[28] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[29] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[30] Deciza 5 ta' Frar 1998

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[31],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Mix-xhieda li giet imressqa jirrizulta li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Julian Farrugia li spjega u identifika lill-imputata bhala l-persuna li kienet aggreditu u kienu involuti fl-incident ta' l-10 ta' Dicembru 2020. Illi dan qed jinghad ghaliex filwaqt li x-xhud Chris Farrugia kien prezenti u jikkonferma li dak in-nhar u dak il-hin kemm l-imputata kif ukoll il-parte civile kienu flimkien jilattikaw mix-xhieda tieghu ma rrizultax li ra kif l-incident zvolga.

Di piu, filwaqt li hemm referenza ghal-filmati waqt l-incident, din il-Qorti ma gietx provduta filmati li juru d-dinamika ta' l-indicent u mic-certifikat mediku wkoll ma hemmx indikat kif ezatt saru l-griehi fuq il-parte civile.

[31] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

Illi d-dottrina legali stabbilita li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti."*[32] u li bhala principju fundamentali tal-process gudizzjarju f'materja penali ghandu jilhaq il-grad tad-dubju dettat mir-raguni *"u jekk jezisit dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat."*[33]. Madankollu dan ma ghandux ifisser jew jigi interpretat li kull dubju huwa bizejjed sabiex iggib il-liberatorja jew li jinheles kull responsabilita legali stante li d-dubju hija rrid ikun wiehed wiehed ragonevoli.

Filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Julian Farruga ghaliex ma kienx hemm persuni pajzana ohra prezenti li ra bic-car l-incident, il-Qorti taghmel referenza ghal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu ritenut fil-kaz **Pulizija vs Joseph Thorne**[34]

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[35]

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w*

[32] Pulizija vs Paolo Farrugia; Appell Kriminali Inferjuri; 1 ta' Awissu 1959
[33] Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena; Criminal Appeal Superior Court; 5.12.2012; and Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, Criminal Appeal Superior Court; 5.7.2002.
[34] Court of Criminal Appeal (Inferior); 9th July 2003
[35] Court of Criminal Appeal (Inferior); 10th November 2014

*individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[36]

*" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu missewwa jew le."*

Ghalhekk meta l-Qorti tezamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk ghandiex provi bizejjed sal-grad rikjest fil-ligi u skond il-gurisprudenza sabiex tasal ghad-decizjoni finali. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jintqal minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[37] fejn jinghad:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **The Police vs Yilmaz Azlan**[38] fejn gie ritenut:

*"the court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these*

[36] Court of Criminal Appeal (Inferior); 6th October 2016
[37] 1974 – 2 ALL ER 372
[38] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 18th June 2019 – Appeal No. 438/2014

*guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did, to examine his behaviour and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was said by the same witness earlier on if for example he himself is makes contradictions in his own testimony or whether there are other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him A judge can believe a witness in whole, in part or not at all".*

Illi minn dak li jirrizulta mhuiex ikkontestat mill-partijiet li t-tnejn kienu prezenti dak in-nhar ta' l-incident u li inqalet glieda bejniethom. Illi dak li huwa kkontestat huwa n-natura tal-glieda li nqalghet u l-involviment individwali taghhom. Jirrizulta li t-tnejn gew fl-idejn u l-prosekuzzjoni u l-parte civile itennu li l-imputata ghamlitlu feriti gravi b'intenzjoni. Minn naha l-ohra l-imputata u d-difiza taghha itennu li dan qatt ma kien il-kaz ghaliex hi kienet vittma tal-parte civile u kwalunkwe azzjoni maghmul minn naha taghha kien sabiex tiddefendi lilha nnifisha mill-attakk li kien qed issir fuqha.

Illi kif diga gie imsemmi aktar il-fuq, ghal xi raguni l-Qorti ma gietx provduta filmat ta' l-incident minkejja li kien jezisti. Minn naha l-ohra lanqas giet provduta sentenza li allegatament inghatat fil-konfront tal-parte civile relatata ma dan l-incident.

Ghalhekk din il-Qorti hija kkonfrontata b'sitwazzjoni ta' kelma ta' wiehed kontra kelma ta' iehor ta' koppja li minn dak li rat u semghet il-Qorti jirrizuta li kienet relazzjoni kontezjuza.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Therese Attard Flores**[39]

*"Sfortunatament mhux l-ewwel darba illi din il-Qorti tkun rinfaccata bi problemi bejn konjugi b'mod specjali dawk li jkunu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni. Din il-Qorti taf illi l-piki u l-glied sfortunatament gieli jirrenjaw f'dawn ic-cirkostanzi u fl-isfond ta' dan kollu zgur ma thosshiex komda illi ssib htija abbazi indizzji cirkostanzjali li m'humiex univoci u t-testimonjanza tal-kwerelant u ommu, li bla dubju ta' xejn f'dawn ic-cirkostanzi ser tikkonferma dak li qal binha. Din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda tal ufficcjal prosekutur u dan ghaliex huwa qed jixhed minn dak li qaltlu l-kwerelanti u mhux minn dak li jaf di scienza proprja. Hawn hekk qeghdin fil-kamp penali u ghaldaqstant il-prosekuzzjoni hija obbligata li tressaq l-ahjar prova kemm dik favur kif ukoll dik kontra."*[40]

Ghaldaqstant, fl-isfond ta' dan l-insenjament u minn dak li ezaminat il-Qorti, wara li qieset ix-xhieda moghtija u ezaminat id-dokumenti ma tarax li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi b'tali mod li l-Qorti tista' tasal ghad-decizjoni li hija *safe and satisfactory*. Ghaldaqstant din il-Qorti serja biex tillibera lill-imputata mill-akkuzi kollha li tressqu kontriha.

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 533, 214, 215, 216(1)(b), 218(1)(b)(2), 222(1)(a), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(h) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Antonella Borg **mhux** hatja ta' l-imputazzjoni dedotti kontriha u tilliberaha minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar il- 15 ta' Dicembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

[39] Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Consuelo Scerri Herrera, Appell Numru 273/2017, Deciza 14 ta' Ottubru 2021

[40] Folio 32 tas-sentenza

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**